# Ix-Xtajta-Santwarju

Joe Camilleri

Kienu jsibuh bħala *Molol*. Mhux għax ma kellux sabar f'ġismu. Imma għax kien iterraq b'mixja qabbieża. Qisu f'qigħan saqajh kellu l-molol li jalzawh 'il fuq fuq ponot subgħajh u jerġgħu jitilquh. Għalhekk passih kienu qishom kollha skossi.

Laqmu qalgħethulu l-klikka ta' nisa li ta' kuljum iġibu 'l uliedhom jgħumu fir-roqgħa xtajta ramlija li għad baqa' f'Marsalforn. Sammrulu t-tikketta ta' *Molol* mhux biex jiddieħku bih. Forsi lanqas b'mod dispreġġjattiv. Laqmu tnissel minn taħlita ta' suspetti, nuqqas ta' fiduċja u forsi wkoll biża'. Lanqas huma stess ma setgħu jgħidu jekk il-biża' tagħhom kienx nefħa bla bżonn. Ix-xiħ kien qisu sifja. Bħal pastur Naplitan, qafas tal-fildiferru u tiben imlibbes il-ħwejjeġ. Imma s-suspetti jafu jissarrfu f'iħirsa ta' biża'.

"Arah, ġej *Molol*. Qisu bl-arloġġ."

U tassew, hekk kif bi swaba' jxawtu, ix-xemx tibda tgħarrax il-ġilda u tressaq lin-nies lejn il-frisk tal-baħar, *Molol* fis jintasab kokka fuq ir-ramel. Kappell tat-tibna b'faldi wiesgħa li jissuktaw idellu u jiskuraw it-tonalità ta' wiċċu samrani. Għajnejh qishom vleġeġ.

"Hemm arah xi jnemmes."

"Ili ninnutoh. Maduffi ta' kuljum haw' warajna, id-dimonjow."

"Għajnejh fuq it-tfol."

"Fuq il-bniet. Nittien. Dok li hu."

"U ejja, Ġuża. Forsi jkun inemmes lilna," qaltilha l-oħra bid-daħqa.

“Tixtieqx jew? Xi l-qaħba jrid inemmisli?” Ġebbdet ’il fuq iċ-ċniegi tal-malja biex tgħatti sidirha mlaħħam. Tatu ħarsa minn taħt u ssoktat: “U mele mhux lilne, tgħid! Hemm aroh. Fuq it-tfol. Maduffi qisu lluppjot.”

“Ħarstu fuqek imwaħħla. Qed tqanqlu, sabiħa. Ma jrid xejn biex jitħajjar ...” U faqqgħet daħqa ta’ nbix.

“Tof għax titkerreh int, għax m’għandikx bniet. Dok fuq il-bniet żgħor iffissot. Aroh xi jħares u jitgħaxxaq b’Julia tiegħi. In-nittien!”

Il-flieles li bdew ifaqqsu fi mħuħ l-ommijiet saru bħal ossessjoni fitta. Ġabulhom nuqqas ta’ sabar. Mar-responsabbiltà qalila li jgħassu lil uliedhom mil-logħob goff u mir-ras iebsa tal-baħar, qanqlulhom piż ieħor. Għax xi jridu jkunu mitlufa fit-tlablib u dal-mingħul jaħtaf l-okkażjoni?

“U tifle jħassarha f’radda ta’ salujp dal-maħmiwġ. Ma nafuhimx l-irġiel aħne! Saħta tad-dimonju.”

Iżda *Molol* dejjem baqa’ b’sabru. Qatt ma tħarrek mill-post fejn kien jintefa’. Qatt ħadd ma seta’ jgħid eqlel minn ismu. La qatt fetaħ fommu. La qatt qorob lejn xi ħadd. Wisq anqas nibex lil xi tfal.

Għajnejh biss kienu jibbru b’ċerta dehwa. Kien qisu jissaħħar iħares fiss u fil-fond lejn xi ħlejqa mfarfra. L-ommijiet ma kinux marru żmerċ. Għajnejh dejjem fuq il-bniet tefagħhom. B’ċerta fissazzjoni, iżda wkoll b’kisra misterjuża. Jekk tiflih mill-qrib, fi ħbub għajnejh ma kienet tolqot ebda kilba ħajna. Ebda xenqa senswali. Ħarsa fissa enigmatika. Donnha ta’ bniedem mitluf fit-toqol ta’ ħsibijiet profondi.

Imma l-ommijiet qatgħuha mod ieħor. Għal uliedha, l-omm għajjura u ħalliela.

“Maduffi, allaħaris ikun jof ir-ruġul għax bi snienu jaqtagħhimlu. Għandi l-mowbajl għal-lest. ’K jersaq eqrib, inċempillu.”

“Tgħaġġibhiex, Ġuża.”

“Dok jagħmil għat-tfol. Dok pedoflu.”

U d-diskors waqa’ fuq l-għadd ta’ rapporti li bdew jitfaċċaw spiss fil-midja. Ismijiet li tperrċu fl-ewwel faċċati tal-gazzetti. Uċuħ ta’ persuni li qabel kienu fdati. Jekk mhux ukoll miżmuma fuq wiċċ l-idejn. It-tlablib u t-tgħarbil kollu tal-ommijiet wassalhom għal konklużjoni waħdanija. “Wasalna fi stat li ma tista’ tafda lil ħadd. Lanqas lill-membri tal-familja. Lanqas lil żewġek li jaqsam is-sodda miegħek.”

Fl-aħħar mill-aħħar kienu unanimi fil-linja analitika u deċiżiva tagħhom. B'ċerta ċertezza, *Molol* seta' jkun ikklassifikat fl-ogħla grad ta' pedofolija. Kien bniedem perikoluż. Theddida kontinwa għas-safa, l-innoċenza, is-sigurtà, l-istabbiltà psikoloġika u l-integrità fiżjoloġika ta'wliedhom bniet. Mill-ħażniet ta' moħħhom qalgħu t-terminoloġija kollha medika u legali li kienu semgħu waqt diskussjonijiet fil-mezzi tax-xandir. Qablu b'mod unanimu li xi ħaġa kellha ssir.

U l-passi ttieħdu minnufih. Dik l-għaxija, ix-xwejjaħ lanqas kien għadu wasal u ntelaq bilqiegħda fuq ir-ramel meta ħass 'il xi ħadd itektiklu fuq spalltu. Refa' għajnejh u lemaħ stwiel ta' pulizija.

"Imxi naqra miegħi, sieħbi, ħalli ngħidu kelma."

Qam minnufih u mixjietu mmullatu biex isegwi d-dell tal-pulizija. L-uffiċjal tela' l-ewwel għatba tal-għassa biex jieħu statura ogħla ta' awtorità. B'leħen sod amarlu, "Mil-lum 'il hemm ma rridx narak 'l hawn. Ftehemna, sieħeb?"

"Imma għaliex?" laqlaq il-leħen kiebi tax-xiħ.

Il-pulizija deher li ma kienx jaf x'se jaqbad iwieġeb. Dak il-ħin bħal ħabat jinfixel u għaraf li lanqas hu ma kellu tweġiba. Forsi seta' għaġġel iżżejjed fil-pass li ħa.

"Għaliex? X'għamilt ħażin? Bi kwieti nkun. Qatt ma dejjaqt 'il ħadd."

Il-pulizija aktar deher mifxul.

"Naqtgħuha fil-qasir. L-importanti li fhimtni." U bla sliem għeb fid-dalma tal-kmajra mdella tal-għassa.

Ix-xwejjaħ baqa' għal waqt b'ħalqu miftuħ. Imbagħad bewweġ 'l hemm. "X'jaf mid-dinja dal-pulizjott ħalib ommu fi snienu? Fejn qatt ġarrab l-għaxqa tal-ulied u l-weġgħa li jġibu magħhom!"

U ħsiebu tar lejn l-imgħoddi mċajpar minn fejn inqalgħu fotografiji sofor ta' tifla kollha għaxqa ċċafċaf u titbaħbaħ fl-ilma safi tax-xtajta. Għajnejha żewġ tutiet suwed jgħumu f'ferħ bla tarf. Tielgħa u nieżla fl-ilma. Tintelaq għal żaqqha biex titkaxkar ħelu ħelu mal-mewġa. Terġa' tiġri għal fuq ix-xtajta. Tedha timpala r-ramel f'barmil ċkejken u mlewwen tal-landa. Inkella tgħarrex b'għajnejha biex tfittex il-ħġieġ leqqien li l-melħ u l-ħakk tal-imwieġ ikun illima f'ħaġriet mielsa. U fil-moħħ tari jsiru r-rubini u l-iżmeraldi prezzjużi li jorqmu x-xagħar u s-sider tal-prinċipessi tal-ħrejjef.

U b'għoġba ta' missier żagħżugħ, hu jperreċ il-ferħ tiegħu fi tbissim ma jaqta' xejn. Lanqas biss kien seta' jniżżel dak li kienu tarrfulu t-tobba.

Mill-ġdid tenna, "X'jifhem dan-naqra ta' ġuvnott ta' pulizija fit-trobbija tal-ulied? Fil-ferħ u l-weġgħa li jġibulek?"

U ssokkta jimmolla fi triqtu bit-tgergira fuq fommu u n-nikta sewda f'qalbu.

B'għafsa ftakar kif diċ-ċappa ferħ kellha tisfuma bħal ħolma f'qasir żmien. Kien jemmen li t-tobba kellhom żball ikrah. Iżda ftit xhur wara, bintu kienet waqgħet żorba.

"Għalija dix-xtajta hi santwarju."

L-istqarrija ħarġet maħnuqa. Ħadd ma semagħha.